## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 273/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

*Fuq paġna 381*

**9503 00 Triċikletti, skuters, karozzi tal-pedali u ġugarelli bir-roti simili; karozzelli tal-pupi; pupi; ġugarelli oħra; mudelli f'qies imċekken ("skala") u mudelli ta' rikreazzjoni simili, jaħdmu jew le; puzzles ta' kull tip**

*Il-punt li ġej jiżdied mat-tieni paragrafu:*

"(d) oġġetti miġmugħa flimkien komposti minn ħolqa taċ-ċwievet u ġugarell, li huma magħqudin b'mod li jiffaċilita l-manipulazzjoni taċ-ċwievet mehmuża (pereżempju, katina jew klippijiet li jduru (swivel clips)), u li, skont il-qies/in-natura u d-disinn tagħhom, huma prinċipalment maħsuba biex iżommu ċ-ċwievet u li normalment jinġarru fil-but jew fil-ħendbeg (ġeneralment, ikklassifikat skont il-materjal kostitwenti tal-ħolqa taċ-ċwievet)."

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[2] ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 273/06)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

*Fuq paġna 367*

*Jiddaħħal it-test li ġej:*

"**8714 99 90 Oħrajn; partijiet**

Dan is-subtitlu jinkludi sedili tat-tfal maħsuba għat-trasport tat-tfal fuq 'roti tal-adulti'. Dawn jistgħu jkunu mmuntati fuq il-mezz ta' ġarr, jew il-qafas jew ikunu jistgħu jitwaħħlu fuq jew mal-pumi. Dawn is-sedili huma tajbin prinċipalment biex jintużaw biss mar-roti u huma għalhekk ikkunsidrati bħala aċċessorju ta' rota."

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[2] ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.